MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 81/1996/1

**John u Florence konjugi Darmanin**

**vs**

**Valletta Freight Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Frar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fis-6 ta' Frar 1996 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm233.00) dovuta lilhom in linea ta' danni li huma sofrew u li jirrapprezentaw spejjez dwar il-kura tas-sahha li huma nkorrew ghal binhom minuri Dave meta suppost

kienu koperti b'polza ta' assikurazzjoni mahruga mill-*BUPA* liema somma hija dovuta mill-konvenuta talli minkejja li hija thallset minghand l-atturi l-premium ghal *coverage* taht skema tas-sahha mal-*BUPA* ghal sena shiha minn Ottubru 1994 il-konvenuta kkanncellat il-polza li kienet tkopri lill-atturi jew hallietha taqa' prematurament minghajr il-kunsens tal-atturi u minghajr ma avzathom.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta' Novembru, 1995 u tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Jannar,1996 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta la qatt kellha u lanqas ghandha xi relazzjoni guridika mall-atturi.

2. Milli jidher li dawn issiehbu mall-assikurazzjoni *BUPA* tramite xi impjegat tal-istess socjeta' konvenuta li dahhalhom biex izomm in-numru rikjest ghall-*group coverage* tal-*BUPA.*

3. Illi ghalhekk l-eccipjenti qatt ma jistghu jkunu responsabbli ghal danni fil-konfront tal-atturi ghax qatt ma kellhom obbligu kuntrattwali jew xort'ohra maghhom.

4. Kien biss bhala gest ta' rieda tajba u bla pregudizzju li l-eccipjenti kienu offrew lill-atturi li jirrimborsawhom ta' xi *premium* li setghu lahqu hallsu qabel ma twaqqfet l-insurance coverage, imma zgur li qatt ma jistghu jigu mghobbija bir-responsabbilta' ghall-ispejjez ta' kura medika li ma gietx necessitata minnhom u mhux provokata b'xi agir taghhom.

5. Illi la s-socjeta' konvenuta u lanqas xi hadd mir-rapprezentanti awtorizzati taghha qatt ma gew avvicinati mill-atturi biex jidhlu fil-*BUPA Policy*. Il-*Policy* kienet mahsuba li tkopri lill-impjegati tas-socjeta' konvenuta u "*close relatives"* taghhom. Sa fejn jafu l-eccipjenti l-atturi ma jigux minn impjegati tas-socjeta' konvenuta. Peress li s-socjeta' konvenuta ma kienet bl-ebda mod responsabbli

ghall-policy hlief li ppermettiet l-uzu ta’ isimha bhala *Group name* taht liema harget il-policy, ma setghetx tivverifika u ma kelliex ghalfejn tivverifika dwar l-individwi koperti bl-istess polza.

6. Is-socjeta’ eccipjenti ma kkancellatx il-polza jew hallietha taqa’. Li gara kien li whud mill-persuni assikurati li ffirmaw il-Group assikurat, ma rrispettawx il-kondizzjonijiet tal-polza u naqsu li jhallsu wkoll xi premia u ghalhekk *BUPA* hassret il-*cover. BUPA* agixxiet unilateralment u nfurmat lis-socjeta’ eccipjenti li l-*cover* mhux ser jitkompla jekk dawk kollha elenkati fil-polza u mhux ser ihallsu l-premia. Peress li s-socjeta’ konvenuta ma kienetx preparata li taghmel tajjeb ghall-inadempjenza tal-assikurati, l-polza waqghet.

7. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

Ghal habta tas-Sajf 1994 Adrian Galea illi dak iz-zmien kien jahdem bhala *accountant* mas-socjeta’ konvenuta, thajjar illi jaghmel indagini mas-socjeta’ *BUPA* ghal *Medical Insurance* ghall-impjegati tas-socjeta’ konvenuta. Peress illi iktar ma jkun hemm abbonati f’din l-iskema anqas tkun il-*premium*, Galea beda jhajjar mhux biss l-impjegati tas-socjeta’ konvenuta, u dipendenti taghhom, imma anke nies barranin, ghalhekk huwa avvicina lil habib tieghu, Anthony Carabott illi jahdem ma’ socjeta’ differenti biex dan, minn naha tieghu, jhajjar in-nies mill-ufficju tieghu biex ilkoll jidhlu f’din l-iskema. Carabott avvicina lill-attrici illi tahdem mieghu u meta ddiskutew il-vantaggi ta’ din l-iskema, l-attrici thajjret tabbona. Wara hafna kuntatti

jidher illi ngabru mall-mitt ruh (100) u lkoll abbonaw f'din il-polza illi saret operattiva fl-1 ta' Ottubru 1994.

L-attrici hallset il-kontribut taghha ghal sena shiha. Ghaddietha lil Anthony Carabott li minn naha tieghu ghaddieha lil Adrian Galea. Saru arrangamenti mas-socjeta' konvenuta sabiex il-*premium* tithallas *quarterly in advance* pero', jidher illi dana l-arrangament ma nzammx u ghalhekk fit-18 ta' Settembru 1995 *BUPA* kkancellat il-polza.

Fit-2 ta' Settembru 1995 l-atturi kienu ghamlu *claim* dwar xi kura medika li kienu qieghdin jaghtu lit-tifel taghhom. Din il-*claim* waslet ghand il-*BUPA* fl-10 ta' Ottubru u ghalhekk giet injorata u nformaw lill-atturi illi ma kienetx ser tigi processata peress illi l-polza kienet skadiet. L-atturi ma kienux jafu li l-*premium* ma kienetx qed tigi mhallsa u ghalhekk huma talbu spjegazzjoni ghal dak illi kien qieghed jigri, aktar u aktar meta huma kienu fil-fatt hallsu l-*premium* ta' sena shiha.

Il-kwistjoni li qamet f'din il-kawza hija, jekk din il-polza hargitx f'isem l-abbonati individwalment, jew inkella f'isem is-socjeta' konvenuta illi kienet qed tirrapprezenta dawn l-abbonati ta' din l-iskema.

Ikkunsidrat:

Adrian Galea a fol 34 xehed illi huwa u l-*management* tas-socjeta' konvenuta ddecidew li jdahhlu lill-impjegati tal-kumpanija bhala *group* fil-*BUPA*. Il-kuntatt tieghu kienet Mrs Rita Chircop illi kienet qaltlu illi aktar ma jkun hemm numru f'din l-iskema iktar ahjar u li setghu jdahhlu nies barranin. Galea gabar group mhux hazin. Kien hemm mall-mitt ruh (100) u Anthony Carabott li huwa habib ta' Adrian Galea gab xi persuni mill-ufficju tieghu u dawn ilkoll hallsu ghal *premium* ta' sena shiha. Adrian Galea jghid testwalment "*dawn il-flus gew konsenjati lilna bhala Valletta Freight li kellha d-dmir li tigbor il-premium kollha ta' dan il-group u thallas lil BUPA. Fil-fatt BUPA kienet taf biss lil Valletta Freight".*

Adrian Galea spicca l-impjieg minn mas-socjeta' konvenuta fit-12 ta' Mejju 1995 u sadakinhar il-polza kienet ghadha vigenti. Jghid kategorikament illi huwa kien inkarigat mill-kumpanija biex jorganizza dan il-group. Ikompli *"jiena u l-managers l-ohra tal-kumpanija konvenuta konna tkellimna bejnietna u konna ftehma illi naghmlu din il-proposta ta' medical insurance lid-diretturi tal-kumpanija. Ghamilna din il-proposta u d-diretturi accettaw".* Fuq l-iskorta ta' din l-accettazzjoni saru l-kuntatti u harget il-polza kif inghad. Sar ftehim mas-socjeta' *BUPA* biex il-*premium* tithallas *quarterly in advance.*

Rita Chircop a fol 45 tghid illi hija l-*company secretary* u *financial controller* tal-*BUPA* u tikkonferma li fl-1994 hargu polza ta' assikurazzjoni ghas-socjeta' *Valletta Freight Services Limited.* Din il-polza kienet tkopri l-haddiema, mpjegati u dipendenti taghha. Qalet li setgha kien hemm nies barranin f'din l-iskema pero', hi ma kienetx taf b'dan.

L-aktar xhud importanti f'din il-kawza huwa bla dubbju Donald Darmanin, il-*Managing Director* tal-*BUPA* fejn a fol 59 jikkonferma li kienet harget polza ta' assikurazzjoni favur is-socjeta' *Valletta Freight.* Din il-polza kienet tkopri l-impjegati u dipendenti taghha. Il-polza harget fl-1 ta' Ottubru 1994 u kienet tkopri sena. Jkompli jghid *"….. is-socjeta' BUPA tkun taf lill-kumpanija u tippretendi l-hlas tal-premium bil-quddiem".* Il-kont intbaghat fil-11 ta' Ottubru 1994 u kien ikopri l-perjodu ta' sena. Dan ma thallas u wasal f'arrangament mas-socjeta' konvenuta biex il-*premium* tithallas *quarterly in advance.* Dan l-arrangament ma nzammx minn naha tas-socjeta' konvenuta peress illi l-ahhar *quarter* ma thallas u ghalhekk intbaghtet in-*notice of termination* lis-socjeta' konvenuta fit-18 ta' Settembru 1995.

Sakemm giet kancellata din il-polza, l-atturi kienu beneficari taghha u Darmanin ghamilha cara illi huwa kien avza lis-socjeta' *Valletta Freight* bit-terminazzjoni tal-polza u mhux lil membri. Jerga jghid *"teknikament ahna lil dawn ma nafuhomx, nafu lill-kumpanija u kwalunkwe korrispondenza tkun indirizzata lill-kumpanija, bhalma*

*nesigu l-premium ukoll mill-kumpanija".* Darmanin fil-fatt esebixxa d-dokumenti kollha u korrispondenza li ghaddiet f'din il-kwistjoni minn fejn jidher car illi kwalunkwe korrispondenza saret f'isem is-socjeta' *BUPA* u mis-socjeta' *Valletta Freight Services Limited.*

Fost id-dokumenti esebiti a fol 91 hemm kopja tal-polza ta' assikurazzjoni u a fol 95 hemm il-parti fejn jitpoggew il-firem. Minkejja li f'din il-kopja firem ma hemmx, hemm pero', parti fejn tigi ffirmata ghan-nom tas-socjeta' *BUPA* u l-parti l-ohra tghid testwalment *"sign on behalf of Valletta Freight Services Limited"*, ghalhekk ma hemmx dubbju illi ffirma min iffirma dejjem kienu ghan-nom ta' dawn is-socjetajiet u mhux ghal xi membru individwali. Fil-fatt hadd mill-abbonati ma dahal f'kuntatt dirett mal-*BUPA* jew mad-diretturi tas-socjeta' konvenuta. Rcevew kopja tal-polza pero', dejjem iffirmata ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

Patricia Briffa a fol 65 tal-process tghid illi tahdem bhala *claims accessor* mal-*BUPA* u tikkonferma li kienet harget polza bhala *groupage* f'isem il-*Valletta Freight*. Tikkonferma illi saret *claim* mill-atturi li giet injorata l-ghaliex is-socjeta' *Valletta Freight* ma hallsitx il-*premium.* Esebit korrispondenza a fol 67 *et sequitur* minn fejn jirrizulta illi l-korrispondenza kif inghad dejjem kienet mall-*Valletta Freight*. Anke s-*subscription debit note* ntbaghtet lil *Valletta Freight* (ara fol 72 u fol 76).

Il-Qorti tinnota illi meta ntbaghtet lista ta' abbonati addizzjonali li qieghda esebita a fol 86 tal-process, din il-lista ntbaghtet mill- *Valletta Freight Services Limited* lil *BUPA*. Veru illi din il-lista giet iffirmata minn Adrian Galea pero', dejjem ghan-nom tas-socjeta' *Valletta Freight Services Limited* kif l-istess kopja tindika.

Minn naha l-ohra David Jones li huwa l-*Managing Director* tal- *Valletta Freight Services Limited* ighid illi din is-socjeta' qatt ma dahlet biex torganizza din il-polza. Kienu l-membri ndividwali illi ghamlu din l-iskema u s-socjeta' tat biss facilitajiet amministrattivi sabiex din il-polza tkun tista tinhadem a beneficcju tal-abbonati taghha. Insista li s-socjeta' konvenuta qatt ma kienet involuta u hu bhala

direttur qatt ma ffirma xejn u qatt ma awtorizza illi l-polza tohrog f'isem is-socjeta' konvenuta.

Il-Qorti taghmel pjena referenza ghal din ix-xhieda ta' David Jones u c-cahda kategorika illi huwa ghamel fejn irrifjuta kull responsabbilta' ghal din il-polza. Jikkonferma pero', illi minhabba nuqqas ta' interess minn naha ta' impjegati, l-polza ma baqghetx tiggedded u meta huwa rcieva l-*claim* minghand l-atturi ghar-ri-imbors illi huma kienu nefqu, accetta illi jaghti lura sebgha u tletin lira (Lm37.00) li kienu parti mill-*premium* illi kienu hallsu l-atturi fejn ghaz-zmien illi ma kienux koperti bil-polza.
Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti hija konvinta illi fil-fatt is-socjeta' konvenuta kienet involuta f'din il-polza ferm aktar milli l-*managing director* David Jones irid jaghti x'jifhem. Ma hemmx dubbju illi l-korrispondenza kollha li giet skambjata bejn il-*BUPA* u s-socjeta' konvenuta saret bl-aktar mod formali u ufficjali ghan-nom ta' l-istess socjeta'.

Adrian Galea huwa wkoll kategoriku meta jghid hu u l-management tal-*Valletta Freight* iddecidew illi jdahhlu l-impjegati tal-kumpanija bhala *group* mal-*BUPA*. Talbu l-permess tad-diretturi u dan il-permess inghata.

Il-Qorti difficli tifhem kif Galea setgha jorganizza operazzjoni bhal din minghajr ma kellu l-*backing* tad-diretturi u l-*Management* tas-socjeta' konvenuta. L-unika haga illi David Jones kien lest li jikkoncedi kienet illi l-*Valletta Freight* kienet tat facilitajiet amministrattivi sabiex tigi organizzata din il-polza. Il-Qorti pero', tirrealizza illi dawn il-facilitajiet ma kienux ser jinghataw li kieku ma kienx hemm il-permess specifiku jekk mhux ufficjali tad-diretturi tas-socjeta' konvenuta.

Donald Darmanin ighid kategorikament illi s-socjeta' *BUPA* dejjem gharfet lis-socjeta' *Valletta Freight* u mhux lil membri ndividwali bhalma kienet tesigi l-*premium* mill-kumpanija u mhux mill-membri, ghalhekk il-kumpanija dahhlet f'certa responsabbiltajiet u doveri versu din il-

polza u l-abbonati taghha. Huwa minnu illi darba accettat illi tircievi l-*premium* minghand l-abbonati, allura kienet fid-dover illi tghaddi dawn il-flus lil *BUPA* sabiex l-iskema tibqa *in vigore*. Fil-fatt dawn il-flus bdew jigu mhallsa u sar ftehim ukoll bejn il-*BUPA* u l-*Valletta Freight* sabiex il-*premium* tithallas *quarterly in advance.* Kien biss meta dan l-*agreement* ma kienx qed jigi onorat mill-*Valletta Freight* illi *BUPA* ma kellhiex triq ohra illi tikkancella l-polza.

Il-Qorti jidhrilha illi hawnhekk hawn element ta' traskuragni minn naha tas-socjeta' konvenuta meta hija ma avzatx officjalment lill-abbonati illi kien qed ikun hemm dawn il-problemi. Jekk il- *Valletta Freight* tat facilitajiet amministrattivi sabiex tigi organizzata din il-polza, allura dawn il-facilitajiet messhom baqghu ghaddejjin sa' l-ahhar u l-atturi kellhom kull dritt ikunu jafu x'kien qed ikun ghaddej. La l-*Valletta Freight* kienet intrigat li torganizza dan il-group, allura kien imissha zammet il-membri ta' dan il-group infurmat b'dak illi kien qieghed jigri. L-atturi kienu jafu biss illi l-polza ma kienetx aktar vigenti meta huma ghamlu claim li giet irrifjutata. Dina kienet sorpriza ghalihom il-ghaliex huma kienu hallsu l-*premium* ta' sena shiha u ghalhekk ippretendew gustament illi kellhom ikunu koperti ghal dik is-sena.

Il-Qorti jidhrilha illi meta l-atturi hallsu l-*premium* ta' sena shiha liema *premium* giet accettata minn *Valletta Freight* u gew inkluzi fil-lista ta' abbonati, allura s-socjeta' dahlet f'relazzjoni kontrattwali ma' l-atturi u l-*Valletta Freight* kienet obbligata li tipprovdi dak is-servizz illi tieghu gie mhallas. Minkejja illi dan is-servizz ma kienx qed jigi provdut direttament minn *Valletta Freight*, imma minn terzi, allura kien jinkombi fuq il-*Valletta Freight* l-obbligu illi tassigura li dak is-servizz jibqa jinghata ghal dik is-sena illi kienet ikkuntrattat. Din ir-relazzjoni kuntrattwali bejn l-atturi u l-*Valletta Freight* ma setghetx tigi terminata arbitrarjament minn parti minghajr ma tinforma u taghti ragunijiet gusti lill-parti l-ohra. Il-fatt li *Valletta Freight* ma gabritx il-*premium* kollha biex thallas ghal sena shiha, mhijiex ta' konsegwenza mill-att legali ghall-atturi, se mai l-*Valletta Freight* messha ghamlet il-kalkoli taghha sew u

tara x’tista tigbor ghal din il-polza minghajr ma tidhol f’*commitments* mal-*BUPA* biex tipprovdi dan is-servizz.

Minn naha taghha l-*BUPA* pprovdiet is-servizz u pprovdietu lill-*Valletta Freight* bhala t-titolar ta’ din il-polza. Minn naha l-ohra l-*Valletta Freight* kellha l-obbligu li zzomm l-abbonati titolari ta’ din il-polza permezz tal-*premium* li kellha tithallas *quarterly in advance.* Meta s-socjeta’ konvenuta naqset li tonera l-obbligazzjonijiet taghha billi thallas il-*premium* skond kif miftiehem, allura kissret dik l-obbligazzjoni kontrattwali li kienet dahlet mal-abbonati taghha u ghalhekk ghandha tkun responsabbli ghad-danni li qieghdin jirreklamaw l-atturi, liema danni ma kienux jigu nkorsi kieku l-*Valletta Freight* onorat l-obbligazzjonijiet taghha u ma kienetx negligenti u traskurata fil-qadi ta’ l-istess.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallashom is-somma ta’ mitejn u tlieta u tletin Lira Maltin (Lm233.00) dovuta lilhom in linea ta’ danni li huma sofrew u li jirrapprezentaw spejjez dwar il-kura tas-sahha li l-atturi nkorrew ghal binhom minuri Dave meta suppost kienu koperti b’polza ta’ assikurazzjoni mahruga mill-*BUPA* liema somma hija dovuta mis-socjeta’ konvenuta talli minkejja li hija thallset minghand l-atturi l-premium ghal *coverage* taht skema tas-sahha tal-*BUPA* ghal sena shiha minn Ottubru 1994 is-socjeta’ konvenuta kkancellat il-polza li kienet tkopri lill-atturi jew hallietha taqa’ prematurament minghajr il-kunsens tal-atturi u minghajr ma avzathom.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta bl-aggravju illi l-ewwel Qorti skavalkat l-eccezzjonijiet kollha ta’ dritt sollevati minnha. L-objezzjonijiet taghha huma maggorment bazati fuq id-deduzzjoni illi hi ma kienetx dahlet fi ftehim mal-BUPA izda limitatament ipprovdiet

facilitajiet amministrattivi fl-interess tal-impjegati u tal-familji taghhom.

Bhala sostenn ghall-argomenti taghha s-socjeta` appellanti tistrieh kwazi eskluzivament fuq ix-xhieda ta' David Jones, direttur manigerjali taghha (fol 113).

Inter alia dan ix-xhud jikkampa d-difiza tieghu fuq l-assunt illi l-iskema assikurattiva rieduha l-impjegati, u ghalkemm hu kkonsentixxa, l-amministrazzjoni tal-polza kienet f'idejn Adrian Galea, impjegat tas-socjeta`. Is-sede tas-socjeta`, skond dan ix-xhud, serviet biss biex takkorda facilitajiet amministrattivi u xejn aktar. Mill-bqija huwa jissottometti li ghalkemm hu stess personalment dahal fl-iskema, ma involviex ruhu direttament fiha. Dan fis-sens li hu qatt ma kellu trattattivi mal-BUPA u qatt ma ffirma xejn. Fuq kollox jinsisti li hu ma kienx jaf li kien hemm nies barra mill-istaff tal-kumpanija li kienu kompartecipi fl-iskema.

Minn ezami tal-kumplament tal-provi din il-Qorti ma thossx li tista' toqghod b'affidament fuq din ix-xhieda, hlief forsi ghal fatt li d-diretturi tal-kumpanija appellanti ma kellhomx gharfien li kien hemm imdahhla fl-iskema nies estranei ghal kumpanija.

Bhall-ewwel Qorti din il-Qorti hi sodisfatta li Adrian Galea kien inkarigat mill-kumpanija sabiex jorganizza l-gruppi biex jidhlu fil-BUPA (deposizzjoni ta' l-istess Adrian Galea a fol 36). Hi sodisfatta wkoll illi l-kumpanija ma servietx biss biex toffri facilitajiet amministrattivi izda hi stess kienet l-assigurata taht il-polza ahjar maghrufa bhala Bulk Protection Scheme. Kif rilevat mix-xhud Donald Darmanin (fol 61) Managaing Director tal-BUPA, is-socjeta` tieghu kienet taf lill-kumpanija, u kull skambju ta' korrispondenza sar mal-istess kumpanija appellanti. Fuq kollox, anke kif manifest mill-korrispondenza esebita, l-BUPA kienet tesigi l-hlas tal-premium minghand is-socjeta` appellanti, tant li l-koncessjoni tal-hlas 'quarterly' sar lil din is-socjeta` u mhux lill-membri individwalment.

Dawn ic-cirkostanzi kollha flimkien jikkostitwixxu prova sufficjenti li s-socjeta` appellanti, anke jekk tittanta

tistahba wara l-operat mhux awtorizzat ta' wiehed mill-impjegati taghha, kienet konsapevoli tal-fatt illi l-iskema tal-BUPA giet ikkuntrattata maghha kif ukoll li kien hemm involuti fiha persuni li ma kienux impjegati taghha. Effettivament il-lista ta' dawn il-persuni ohra baghtitha hi stess lill-BUPA.

Jigi notat illi s-socjeta` appellanti ma sejjhitx fil-kawza lill-ex-impjegat taghha Adrian Galea biex jiddefendi l-posizzjoni minnha assunta fl-eccezzjonijiet taghha. Sempliciment  ittrincerat ruhha wara l-argoment illi kien dan l-impjegat li dahhal dawn in-nies, mhux ukoll impjegati tas-socjeta`, biex izomm in-numru rikjest ghal group coverage.

Kienu jew ma kienux jafu d-diretturi tas-socjeta` appellanti dwar l-involviment ta' persuni ohra fl-iskema, jibqa' l-fatt illi gjaladarba l-kumpanija accettat, anke jekk bl-intervent esklussiv ta' impjegat taghha, li dawn jiddahhlu fl-iskema kien imbaghad jinkombi fuqha li qua mandatarja taghhom tassikura l-adempiment shih u komplet tal-ftehim kontrattat ghan-nom taghhom ukoll mal-BUPA.

Fost id-dmirijiet tas-socjeta` konvenuta kien jinkombi certament b'obbligu fuqha:-

(i) li tesegwixxi l-mandat lilha moghti fl-intier kollu tieghu u bi speditezza;
(ii) li tuza d-diligenza kollha fl-ezekuzzjoni tal-istess mandat;
(iii) li tgharraf lill-mandant, fi zmien ragjonevoli, b'kull haga li kien jikkoncerna l-interessi tieghu fl-iskema u b'dak kollu li kien jeffettwa l-istess skema;
(iv) fuq kollox, li tiehu l-mizuri kollha adegwati biex thares l-interessi tieghu.

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz de quo s-socjeta` appellanti, gjaladarba  wkoll kienet irceviet il-hlas kollu tal-premium ghal sena shiha minghand l-atturi, kienet fid-dover li tinforma, imbaghad, lill-istess atturi bil-missivi li kienet qed tircievi minghand il-BUPA domandanti l-hlas tal-premium u bid-diffikoltajiet biex jigi onorat il-hlas hekk mitlub.

Hekk ukoll kien doveruz fuq l-istess socjeta` appellanti illi tempestivament tinforma lill-atturi bil-kancellament tal-iskema. Fuq kollox jekk kif qed jigi issa sottomess minnha l-claim tal-atturi kellha tigi rispettata mill-BUPA ghax il-kura medika inghatat qabel il-kancellament kien jispetta lilha bhala l-'policy holder' li tinsisti ghal hlas minghand il-BUPA jew ghallanqas, tassisti, lill-atturi fl-otteniment tal-istess hlas u mhux sempliciment tillimita ruhha biex troddilha lura parti mill-premium li aktar minn sena qabel kienet irceviet hi stess minghand l-atturi.

Minn dan isegwi li s-socjeta' konvenuta mxiet mhux biss b'leggerezza izda wkoll b'komportament razenti t-traskuragni, kif hekk korrettement irravvizat l-ewwel Qorti. Isegwi wkoll illi ghandha tirrispondi ghad-danni li l-atturi sofrew minhabba ksur u kancellament tal-ftehim mal-BUPA u l-inadempjenzi surreferiti. Essenzjalment, in-nuqqas li tgharraf lill-atturi fi zmien utli dwar in-nuqqas tal-hlas tal-premium tal-kancellament tal-polza.

Dan kollu jirrientra f'dak dispost mil-ligi fl-Artikolu 1133 tal-Kap 16 fejn hemm a propozitu stabbilit li "d-debitur (intiza din il-kelma fis-sinjifikat ampja tal-kelma), ukoll jekk ma jkunx mexa b'male fidi, jigi kkundannat ghad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minhabba li jkun <u>naqas</u> ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, kemm ukoll minhabba d-<u>dewmien</u> fl-ezekuzzjoni taghha, kemm il-darba hu ma jipprovax illi n-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi haga barranija li taghha huwa ma kienx fi htija."

Gjaladarba, kif fuq stabbilit, is-socjeta` konvenuta ma gabet l-ebda prova konvincenti ghall-akkuza ta' inadempjenza lancjata mill-atturi fil-konfront taghha, ma tistax tevita l-konsegwenza tad-danni reklamati minn ghandha.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------